# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IR-RABA' KTIEB TA' L-1929

## IL-LSIEN MALTI— GĦALIEX BAQA' LURA

L ilsna kollha maħduma għandhom ta' l-inqas żewġ għamliet: waħda li nitħaddtu biha fil-ħieġ tal-ħajja ta' kulljum; l-oħra li ninqdew biha f'xi ħabtiet barranija, bħallikieku, meta rridu nidhru quddiem xi nies ta' awtorità, jew nitkellmu ma' miġimgħat ta' nies, ingħidu aħna fi prietki, f'konferenzi, f'lakgħat politki; inkella meta rridu nfissru bil-kitba xi ħsibijiet u xi tqanqil li jidhrulna sbieħ u fejjieda, u li aħna nkunu nixtiequ li jibqgħu għal żmien twil, jekk mhux għal-dejjem.

L-ewwel għamla tal-ilsna nitgħallmuha bikri, f'ħoġor ommna, fid-dar ma' ħutna, fl-iskola ma' sħabna, u fil-logħob ma' tfal oħra: u ħaġa tal-għaġeb kemm nitgħallmuha malajr; għaliex il-bniedem hu mogħni minn Alla b'setgħa sabiħa li biha f'żugħritu, bla ma jaf li qiegħed iħaddem moħħu, jixrob, biex ingħid hekk, kull kelma li jisma' u jgħaddi l-quddiem fis-sengħa tal-kliem bla ma joqgħod iħabbel rasu wisq liema kliem għandu jqiegħed u kif iqiegħdu; u jibda jitħadded sewwa u jiftihem sabiħ. Dan jafu u jarah kullħadd u kulljum.

It-tieni għamla tal-ilsna ma nitgħalmuhiex hekk; ma tiġix weħidha, iżda jeħtieġ li aħna nħaddmu rasna u qalbna u ngħinu ruħna bil-kotba ta' dawk li tgħalmuha qabilna, u ħallewlna mirja ta' kif għandna nitħaddtu u niktbu: għalhekk is-surmastrijiet u l-iskejjel.

Issa aħna l-Maltin, fl-ewwel għamla ta' lsienna, nimxu tajjeb daqs kemm jimxi ħaddiħor, jekk mhux iżjed; imma fit-tieni bqajna l-ura, u l-ura ħafna, għal żewġ raġunijiet:

a) L-ewwel waħda hi li ftit kienu dawk li ħassew il-ġmiel u t-tjieba tal-lsien malti meta hu mitkellem u miktub kif jixraq, jew għaliex fil-ħtieġa nqdew bi lsien iħor, inkella għaliex, meta nqdew bil-Malti ma ħadux ħsieb jiktbuh kif imiss, anqas ħadu ħsieb jiġbru dak li kienu kitbu, u jgħadduh stampat lin-nisel ta' wrajhom. Għalhekk mirja ma għandniex ħlief ftit, surmastrijiet u skejjel tal-Malti, xejn.

b) It-tieni hu l-iżball oħxon li l-biċċa l-kbira fostna ħasbu u għadhom jaħsbu li, għaliex jafu jgħidu erba' kelmiet bil malti kif tgħallmuhom mill-fomm, jistgħu jitħaddtu bih fil-ħabtiet kollha, u jiktbu bih kull ma jixtiequ jfissru, imqar fuq l-egħżeż, l-itqal u l-egħref ħwejjeġ t'Alla u tad-dinja. Minn hawn mirja li juru mgħawweġ u ħaġa b'oħra.

Kieku l-kittieba tal-Malti jagħirfu kemm tista' tkun ta' fejda lilhom infushom u lill-Maltin ħuthom ftit ta' ġabra u ta' ħsieb fil-kitba tagħhom, il-għera tal-Malti jilbes fi ftit żmien, u ġmielu jiftaħ bħal warda.